MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Appell Civili Numru. 672/1992/1

**Joseph Borg fil-kwalita` tieghu ta' Direttur**
**ghan-nom u in rapprezentanza**
**tas-socjeta` J.E.M. Investments Limited**

**v.**

**Norman Buckle fil-kwalita` tieghu ta' Direttur**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**
**CHEVRON LIMITED u l-istess Norman Buckle u Victor Balzan**
**bhala Diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta`**
**B and B Property Development Company Limited**

**Il-Qorti:**

**Preliminari:**

B'citazzjoni pprezentata fil-15 ta' Mejju 1992 quddiem l-allura Qorti tal-Kummerc l-attur nomine ppremetta illi s-socjeta` konvenuta Chevron Limited iddikjarat ruhha vera, cert u likwida debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' LM285,000 skond kuntratt tal-27 ta' Settembru 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza, liema somma kellha tigi restitwita almenu f'rati mensili ta' LM28,500 il-wahda bl-imghax tas-6% u taht dawk il-kondizzjonijiet stpulati fl-istess kuntratt – Dok A; illi s-socjeta` B and B Property Development Company Limited iggarantiet flimkien u in solidum mal-mutwatarju Chevron Limited favur il-mutuant attur l-obbligazzjonijiet assunti mid-debitur favur l-attur kreditur, accettanti; illi s-socjetajiet konvenuti nomine (sic) ma hallsux l-ammont li kien skada fil-26 ta' Settembru 1989 u ghalhekk l-attur istitwixxa l-proceduri li jifformaw il-mertu tal-kawza numru 64/90 JF, tuttora pendenti quddiem dawn il-Qrati; illi l-konvenuti nomine fil-fatt ghadhom sallum ma effettwawx dak il-pagament dovut lill-attur nomine u lanqas ma hallsu l-pagament li kien dovut fis-26 ta' Marzu, 1990 avolja, ai termini ta' l-istess kuntratt, huma kienu obbligaw ruhhom li kienu sejrin jaghmlu hekk meta kien jiskadi l-pagament; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut u fl-opinjoni ta' l-attur il-konvenuti nomine ma ghandhomx eccezzjonijiet x'jghatu; dan premess l-attur nomine talab li dik il-Qorti:-

1. taqta' u tddeciedi l-kawza ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Procedura Civili u cioe` bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza u
2. tikkundannahom ihallsu lill-attur nomine is-somma ta' LM27,327.10 (sebgha u ghoxrin elf tlett mija sebgha u ghoxrin elf lira Maltin u ghaxar centezmi) dovuta lill-attur nomine ai termini tal fuq citat kuntratt liema pagament skada fil-26 ta' Marzu 1990 – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali ai termini ta' l-istess kuntratt, u minn dak in-har li ma giex effettwat il-pagament ai termini tal-ligi u

cioe` bir-rata ta' 8% sad-data ta' l-effettiv pagament u b'rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-attur, u naxxenti mill-istess kuntratt u bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra legali kontra l-konvenuti nomine li minn issa jibqghu ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

B'nota ipprezentata fl-4 ta' Gunju, 1992 l-konvenuti eccepew:-
1. Illi fl-ewwel lok li l-ammont mitlub mhux dovut jew mhux dovut fl-interezza tieghu billi kif jirrizulta mill-konteggi li jridu jsiru bejn il-partijiet, l-esponenti hallsu ammont akbar mill-iskadenzi li saru dovuti sa issa.

2. Fit-tieni lok li l-ammont mhux dovut billi l-attur jinsab inadempjenti fl-obbligi minnu assunti fuq l-istess kuntratt fis-sens li (!) jonora l-obbligi kollha naxxenti mill-kuntratt l-iehor kontestwalment konkjuz bejn il-partijiet. Difatti hemm ammont ta' Income Tax dovuta f'ammont superjuri ghal dak mitlub fic-citazzjoni ghall-liema l-attur huwa skond l-istess kuntratt responsabbli.

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza tat-12 ta' Dicembru, 2002 il-Prim Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza billi laqghet it-tieni talba attrici u kkundannat lis-socjetajiet konvenuti jhallsu in solidum bejniethom lill-attur nomine s-somma ta' LM27,327.10 (sebgha u ghoxrin elf tlett mija sebgha u ghoxrin lira Maltin u ghaxar centezmi) bl-imghaxijiet legali kif mitluba. Ordnat ukoll li l-ispejjez tal-kawza jithallsu kollha mis-socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom u dana wara li qalet hekk:-
"Illi f'din il-kawza l-attur ghamel riferenza ghall-kuntratt li gie ffirmat fis-27 ta' Settembru, 1986 fl-atti tan-Nutar Dottor Victor John Bisazza fejn is-socjeta` Chevron Limited ikkostitwiet ruhha veru, cert u likwidu debitrici a favur tas-socjeta` attrici ghas-somma ta' LM285,000, liema somma kellha tithallas b'pagamenti ta' LM28,500 kull sitt xhur, bl-ewwel pagament kellu jsir fis-27 ta' Marzu, 1987. Il-hlas lura kellu jsir bl-imghax ta' 6% fis-sena pagabbli "*a scaletta*", liema imghax kellu jigi komputat u jkun dovut kull sitt xhur fl-istess hin meta jkunu dovuti u

jithallsu l-bilanci tal-kapital.  Fuq l-istess att is-socjeta` B and B Property Development Limited dahlet bhala garanti solidali mad-debitur ghall-adempiment ta' l-obbligi kollha li gew assunti fuq dak l-istess att mas-socjeta` debitrici Chevron Limited, liema garanzija giet koperta b'ipoteka specjali fuq proprjeta` ta' l-istess socjeta` B & B Property Development Limited.  Fuq l-istess kuntratt, u biex jigi facilitat il-hlas lura tas-somma misulfa, il-partijiet ftehmu illi hekk kif is-socjeta` debitrici tghaddi biex tbiegh xi proprjeta` immobiljari lill-terzi, parti mis-somma tigi depozitata f'kont bankarju ta' l-attur, akkont tas-somma f'dik l-iskadenza.  Dan id-depozitu jsir fi zmien gimgha minn kull trasferiment, taht penali ta' LM50 ghal kull gimgha  jew parti minnha f'kaz ta' dewmien.  L-attur, f'din il-kawza, qed jitlob hlas ta' LM23,327.10, (sic) rappresentanti hlas dovut, bl-imghax relattiv, ghall-iskadenza tas-26 ta' Marzu, 1990.

"Il-konvenut qed jeccepixxi l-pagament u n-nuqqas ta' l-attur li jesegwixxi obbligi minnu assunti f'kuntratt iehor bejn l-istess partijiet iffirmat ukoll fis-27 ta' Settembru, 1986.

"Din il-Qorti tibda' biex tenfasizza li l-mertu ta' din il-kawza huwa l-kuntratt li gie ppublikat fis-27 ta' Settembru, 1986, li fih is-socjeta` konvenuta Chevron Limited ikkostitwiet ruhha vera, certa u likwida debitrici tas-socjeta` attrici u mhux il-kuntratt l-iehor, iffirmat fl-istess jum bejn l-istess partijiet u l-Mid-Med Bank, fejn gew trasferiti xi shares f'kumpannija u saru diversi riservi u kundizzjonijiet dwar it-taxxa dovuta fuq dik l-istess kumpannija.  Dan qed jinghad ghax, fil-kors tas-smiegh ta' din il-kawza, instemghu diversi xhieda fuq kwestjonijiet li nibdu minn dak it-tieni kuntratt, kwistjonijiet li m'ghandhomx x'jaqsmu mal-meritu ta' din il-kawza.  Fil-fatt, wiehed mill-argumenti tal-konvenuti huwa li huma waqfu l-pagamenti dovuti, minhabba l-kwistjonijiet li nqalghu fuq il-kuntratt l-iehor (ara xhieda ta' Norman Buckle a fol.  217 tal-process); dan l-argument pero`, ma jreggix, ghax debitur ma jistax jonqos li jhallas dejn, fuq bazi li hemm kwistjoni mal-kreditur fuq materja ohra.  F'cirkustanzi bhal dawn, id-debitur ghandu, se mai, jiddeposita l-ammont minnu dovut

taht l-awtorita` tal-Qorti, jikkawtela l-pretensjoni tieghu b'Mandat appositu, u jagixxi (recte: 'jadixxi') lil dawn il-Qrati biex jivventila l-kwistjoni li ghandu mal-kreditur. Debitur, ma jistax, pero`, f'kawza li ssir kontra tieghu biex ihallas dejn naxxenti minn kuntratt pubbliku, jghid li ma hallasx ghax ghandu kwistjoni mal-kreditur naxxenti minn negozju iehor li ghadha ma gietx ssetiljata. F'kontro-talba ghall-hlas tista', hu veru, tigi sollevata tpacija, izda biex isir hekk, il-pretiz dejn li jkun gie allegat li ghandu jpaci l-pretensjoni tal-kreditur, irid ikun dejn li hu cert, likwidu u dovut. Kif qalet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Onor. Carm Lino Spiteri vs Director of Public Works" deciza fil-25 ta' Jannar, 1998, "ma tistax issir tpaccija meta dejn li qed jallega li ghandu favur tieghu l-konvenut mhux likwidu u esigibbli, jew ta' l-anqas facilment likwidabbli". Hekk ukoll l-istess Onorabbli Qorti fil-kawza "Grima vs Mamo et" deciza fid-29 ta' Mejju, 1998, osservat li ebda tpaccija ma tista' ssehh meta dak li hu allegatament dovut ma jkunx likwidu u, aktar, ikun soggett ghall-kwistjoni bejn il-partijiet. (ara wkoll "Mamo noe vs Borg et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-1 ta' Gunju, 1990 u Yunes vs Tabone deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Ottubru, 2002).

"F'dan il-kaz, mhux biss, kif jammettu l-konvenuti, din il-kwistjoni tat-taxxa ghadha mhux maghluqa, izda, milli jidher, l-hlas jista' se mai jkun dovut mill-attur lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u mhux lill-konvenuti; fi kliem iehor, l-allegat kkreditu mhux tal-konvenuti izda tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, liema kreditu l-attur proprio et nomine obbliga ruhu li jhallas, taht certi kundizzjonijiet, fl-imsemmi tieni kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1976. Jekk, l-attur ma jhallasx it-taxxa dovuta jista' jkun li jkollhom ihallsuha l-konvenuti, u hemm, allura, jista' jitwieled kreditu tal-konvenuti kontra l-attur. Dan kollu, pero`, ghadu mera ipotesi, ghax il-kwistjoni hija kontestata u ghada qed tigi dibattuta. Zgur li l-kreditu li l-konvenuti jista' jkollhom versu s-socjeta` attrici, sallum, ma jidhirx li hu dovut (ghax milli jidher, ghadu ma sar ebda pagament lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni; ara xhieda ta' Norman Buckle a fol. 219) u lanqas ma hu facilment likwidabbli.

"Kwindi, kull kwistjoni naxxenti mill-kuntratt ta' trasferiment ta' l-ishma hija irrilevanti ghall-meritu ta' din il-kawza.

"Dwar il-meritu, l-attur jallega li mill-kuntratt ta' self, l-ahhar zewg skadenzi baqghu pendenti u ma thallsux mill-konvenuti; il-pendenza ta' qabel ta' l-ahhar hija meritu ta' kawza ohra (dik bic-citazzjoni numru 64/90 pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-appell), waqt li l-ahhar skadenza, hija meritu ta' din il-kawza. Il-konvenuti, ghal din it-talba, qed jeccepixxu l-pagament.

"Dwar il-prova tal-pagament, huwa risaput li "*la prova del pagamento e' a peso del convenuto che lo allega"* – ara "Azzopardi vs Cutajar" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 1982, u l-gurisprudenza hemm kwotata. L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-kawza "Cassar vs Agius" deciza fis-7 ta' Lulju, 1924, qalet li l-piz tal-prova tal-pagament hu fuq il-konvenut li jallegah u jekk ikun hemm xi dubju, dak id-dubju ghandu jigi risolut favur l-attur (ara wkoll "Seychell vs Gabriele" deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Lulju, 1982; "Satariano vs Saliba" deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Ottubru, 1982; "Scicluna vs Mizzi" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-28 ta' Marzu, 1988 u "Scicluna vs Cutajar" deciza minn din il-Qorti fit-30 ta' Gunju, 2000).

"Fil-kors tal-kawza, il-konvenuti allegaw li huma hallsu lill-attur LM13,750 li l-attur ma addebitax lill-kont taghhom, u li saru wkoll xi hlasijiet minn terzi, debituri tal-konvenuti li, minflok ma hallsu lill-konvenuti, gew mitluba ihallsu lill-attur akkont ta' dan id-dejn; dawn il-hlasijiet ukoll ma gewx addebitati mill-attur fil-kont tal-konvenuti.

"Fl-ewwel lok, din il-Qorti tirrimarka li, kif ikkonferma l-attur, huwa fadallu jiehu ta' zewg skadenzi, u f'din il-kawza qed jitlob biss il-hlas ta' l-ahhar skadenza. Ghalhekk, anke jekk jigi accettat li saru l-pagamenti indikati mill-konvenuti, dawn kellhom se mai, jmorru biex ihallsu d-dejn precedenti ghal dak meritu ta' din il-kawza, u mhux ghal dan, u dan fid-dawl tal-principju sancit fl-Artikolu 1171(g) tal-Kodici Civili li jghid li l-pagament ghandu, fin-nuqqas ta' ftehim, "jitqies li sar ghad-dejn l-

izjed qadim". Ghahekk, dawn l-allegati hlasijiet kellhom, se mai, jigu kkunsidrati fil-kawza l-ohra istitwita mill-attur, mhux f'din.

"Fil-fatt, f'din il-kawza, il-konvenut Norman Buckle xehed li, mehud kont tal-hlasijiet li hu jghid li saru, fadal bilanc x'jithallas lill-attur ta' madwar LM30,000 jew LM32,000, somma li sewwa sew tkopri din it-talba ta' l-attur (ara xhieda tal-konvenut a fol. 217). Dan ifisser li, ghal fini ta' din il-kawza, hemm ammissjoni li s-somma hi dovuta, u l-opposizzjoni ghall-hlas, minhabba l-kwistjoni pendenti mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni, gia' inghad li ma treggix fil-ligi. Din il-Qorti, b'hekk, kieku trid, tista' tieqaf u tghaddi biex tilqa' t-talbiet attrici.

"Jekk tezamina, pero`, l-allegazzjoni tal-konvenuti li saru pagamenti ohra, din il-Qorti mhux perswaza li fil-fatt saru pagamenti akkont ta' dan id-dejn. Issemmiet is-somma ta' LM13,750, li LM10,000 thallsu b'cash u bla ricevuta b'zewg pagamenti ta' LM5,000-il wahda fis-7 ta' Marzu, 1988, u fil-11 ta' Marzu, 1988. L-attur spjega c-cirkustanzi ta' kif wasal li jiehu dawn il-flus, u mix-xhieda tieghu jidher li dan il-hlas sar fuq negozju iehor li ma kellux x'jaqsam ma dan id-dejn. Mix-xhieda tieghu jidher anke li jista' jkun hemm xi kawza illecita wara dak il-pagament, kawza li tista' timpedixxi lill-Qorti tidhol fil-meritu tat-transazzjoni. Din il-Qorti, f'kull kaz, mhux perswaza, li dan il-pagament sar akkont tad-dejn meritu ta' din il-kawza, prova li kienet tinkombi lill-konvenuti.

"Il-konvenuti jallegaw ukoll li xi terzi, partikolarment, certi Joseph Mifsud, Joseph Satariano, il-Perit Bartoli u Joseph Portelli ghamlu xi pagamenti lill-attur ghan-nom taghhom. L-attur, da parti tieghu, ma jichadx li rcieva xi flus minghand dawn in-nies, izda jghid li l-hlas kien sar akkont ta' negozju iehor, generalment bejgh ta' proprejta` li ma kellux x'jawsam (recte: 'jaqsam') ma dan id-dejn li hu mertu ta' din il-kawza. Fil-kawza l-ohra bejn il-partijiet kienu xehedu wkoll Dr Joseph J. Vella, ghan-nom ta' Joseph Satariano (fol. 158), Joseph Mifsud (fol 161) u Joseph Portelli (fol 166) u kopja tax-xhieda taghhom giet esebita fl-atti ta' din il-kawza. Din il-Qorti kif presjeduta,

pero`, mhux konvinta li l-flus li dawn qalu li ghaddew lill-attur (fejn saret din l-allegazzjoni) saru akkont ta' dan id-dejn. Jekk il-pagamenti sarux akkont ta' dejn iehor izjed qadim jew jekk kienx meritu ta' negozju iehor indipendenti, mhux kwistjoni li tista' jew se tidhol fiha din il-Qorti, pero`, mehud kont li, bhala fatt, kienu jezistu djun ohra aktar qodma minn dan, lil din il-Qorti ma giex muri li dawn l-allegati pagamenti saru akkont ta' dan id-dejn meritu ta' din il-kawza, prova li kienet tinkombi, kif inghad fuq, il-konvenuti.

"Il-konvenuti, fil-fatt, qed juzaw dawn l-istess pagamenti biex jippruvaw ixejnu kemm id-dejn meritu tal-kawza l-ohra, kif ukoll il-meritu ta' din il-kawza; haga li zgur mhux permessa. Id-dejn meritu tal-kawza l-ohra hu dejn aktar qadim mill-meritu ta' din il-kawza, u la darba, f'din il-kawza, ma saretx prova ta' pagamenti akkont ta' dan id-dejn, l-eccezzjoni tal-pagament sollevata mill-konvenuti ma tistax tintlaqa.

"Il-konvenut qajjem ukoll kwistjoni dwar l-imghax; hu jghid li la iddeposita l-flus fil-kont ta' l-attur kif kienu miftiehma, m'ghandux ihallas imghax. Il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu jistipola li hekk kif il-konvenuti ibieghu xi proprjeta`, parti mir-rikavat kellu jigi depositat fil-kont ta' l-attur akkont tad-dejn, izda dan l-obbligu ma kienx jimpingi fuq l-obbligu tal-hlas ta' imghax li kellu, f'kull kaz, jibda jidekorri mill-kuntratt u kkalkolat "*a scaletta*". Din il-Qorti taqbel mal-posizzjoni li ha l-attur dwar il-mod kif ikkalkola l-imghax, u, cioe` li l-pagamenti li saru mill-konvenuti jitqiesu li saru, ghall-fini ta' l-imghax, fid-data li fiha effettivament l-ammonti involuti iddahlu fil-kont tieghu.

"Din il-Qorti ezaminat l-*istatement* li esebixxa l-attur fid-19 ta' April, 2002, (fol. 278), u taqbel li s-somma ta' LM27,327.10 hija dovuta mill-konvenuti bhala l-ahhar skadenza fuq il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tas-27 ta' Settembru, 1986."

**L-appell tal-konvenuti**

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors ipprezentat fis-27 ta' Dicembru, 2002 talbu li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata tat-12 ta' Dicembru, 2002 fil-kawza fl-ismijiet premessi u b'hekk tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

B'risposta intavolata fit-30 ta' Settembru, 2003 is-socjeta` attrici appellata talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tichad l-appell tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom biex b'hekk it-talbiet attrici jigu milqugha u is-socjetajiet appellanti jigu ikkundannati ihallsu dak mitlub bl-imghax u bl-ispejjez kontra taghhom.

**L-aggravji tal-konvenuti appellanti.**

Il-konvenuti appellanti qed iressqu bazikament tlett aggravji kontra s-sentenza appellata u dawn huma s-segwenti:-

a) Illi ghalkemm il-mertu ta' dawn il-proceduri jitratta dwar skadenza wahda u cioe` l-ahhar skadenza, kemm din l-iskadenza u dik ta' qabilha li kienet tifforma l-mertu tal-kawza Citaz. Nru. 64/90, gew kunsidrati flimkien minn din il-Qorti fis-sentenza moghtija fis-16 ta' Dicembru, 2003 sabiex jigi determinat l-bilanc attwalment dovut.

b) Illi fil-mori tal-proceduri decizi fis-16 ta' Dicembru, 2003 saru pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni li kellhom jitnaqqsu mill-ammont dovut lill-attur u li ma gewx hekk imnaqqsa.

c) Illi hemm rabta bejn il-kuntratt *de quo* u kuntratti ohra u la darba l-attur naqas li jottempera ruhu ma' l-obbligi assunti fil-kuntratti l-ohra ma kienx hemm obbligu ta' hlas.

**Ikkunsidrat:-**

Huwa fatt li l-proceduri istitwiti mill-atturi bic-citazzjoni numru 64/90 u relattivi ghall-iskadenza tas-27 ta' Marzu 1989 sa-26 ta' Settembru, 1989, minkejja li gew istitwiti

qabel dawn il-proceduri, gew finalment determinati b'sentenza ta' din il-Qorti tas-16 ta' Dicembru, 2003 u cioe` zmien wara li gew intavolati dawn il-proceduri. Minn ezami tal-process fil-kawza deciza fis-16 ta' Dicembru, 2003 jidher li fl-istadju ta' l-appell tressqu diversi provi in sostenn ta' l-allegazzjoni tal-konvenuti, appellanti u appellati rispettivament f'dawk il-proceduri, intizi biex juru li saru pagamenti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni u liema hlasijiet, skond kuntratt pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta' Settembru, 1986 kellhom jigu rifuzi, kwantu ghan-nofs l-ammont hekk imhallas, mill-attur lis-socjetajiet konvenuti.

B'dana kollu meta din il-Qorti ppronunzjat ruhha fil-kawza Citaz. Nru. 64/90 din laqghat l-appell interpost mill-attur Joseph Borg nomine – li in prim istanza kien gie akkordat biss LM12,500 minflokk l-ammont ta' LM28,500 minnu reklamata – billi gie akkordat l-ammont intier ta' LM28,500 wara li l-Qorti osservat hekk:-

"Fic-citazzjoni odjerna l-attur qed jitlob specifikatament il-hlas tas-somma ta' LM28,500 a tenur ta' kuntratt pubblikat minn Nutar Victor John Bisazza fis-27 ta' Settembru, 1986 u liema ammont qed jigi reklamat ghall-iskadenza tas-26 ta' Settembru, 1989.

"Issa mid-dokument A a fol 213 tal-process, liema dokument jikkonsisti fi "Statement" ppreparat mill-istess konvenuti, jirrizulta li, skond huma stess, wara li sar il-pagament ta' LM46,674 fil-15 ta' Marzu, 1989, kien fadal bilanc ta' LM31,335.89. Jirrizulta wkoll skond l-istess statement li wara dik id-data ma sar ebda pagament iehor. Ghalhekk isegwi, u dan dejjem skond l-istess "statement" tal-konvenuti, li meta waslet l-iskadenza tas-26 ta' Settembru 1989, kien ghad fadal bilanc favur l-attur nomine f'ammont in eccess ta' dak li huwa kien qed jitlob fic-citazzjoni."

Kien ghalhekk li din il-Qorti kkonkludiet li "*t-talba attrici kienet gustifikata u kellha tigi akkolta fl-interezza taghha.*"

Ghal dak li jikkoncerna t-taxxa dovuta mill-attur kif fuq inghad, ghalkemm mill-provi prodotti fl-istadju ta' l-appell u senjatament ix-xhieda in estenso ta' l-accountant Michael Scerri, irrizulta li effettivament kienu saru xi pagamenti mill-konvenuti lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, l-istess Qorti, dejjem f'dawk il-proceduri, cahdet dan l-aggravju billi rriteniet li l-konvenuti ma kienux ottemperaw ruhhom mal-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt imsemmi u ghalhekk proprjament ma kellhomx la d-dritt li jirreklamaw dawn il-pagamenti u lanqas ma setghu joqoghdu lura mill-hlasijiet dovuti minnhom.

Minn dan jidher li dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti ma huwiex gustifikat. B'dana kollu u sabiex jigi determinat x'inhu verament l-ammont dovut ghall-iskadenza mertu ta' din il-kawza u cioe` dik tas-26 ta' Marzu, 1990 din il-Qorti jidhrilha li jkun utili li ssir referenza ghall-dokument partikolari esebit fil-proceduri Citaz. Nru. 64/90 u cioe` d-dokument ossia "statement" indikat bhala Dok 'C' a fol-27 sa 29 tal-process f'dik il-kawza. Dan qed jinghad billi minn ezami ta' dan id-dokument jidher li hemm diskrepanza serja fl-ammont li l-attur nomine qed jghid, f'dawn il-proceduri, li kien dovut lilu bhala bilanc fil-15 ta' Marzu, 1989. Infatti fil-prospett ezebit f'dawn il-proceduri fid-19 ta' April, 2002 a fol 279 sa 282 tal-process, qed jinghad li fil-15 ta' Marzu 1989 u cioe` qabel ma gew istitwiti l-proceduri Citaz. nru 64/90, l-ammont dovut kien ta' LM55,717.19 u ghalhekk wara li zdiedu l-imghaxijiet relattivi sas-27 ta' Settembru, 1991 u tnaqqset is-somma ta' LM28,500 u l-imghax ta' LM1688.58, mertu tal-kawza Citaz. nru 64/90, qed jinghad li l-ammont bilancjali f'data qabel il-prezentata ta' dawn il-proceduri, kien ta' LM27,327.10 u cioe` l-ammont li qed jigi mitlub fil-proceduri odjerni.

Dan pero` ma jaqbilx ma dak li nsibu li l-attur indika bhala dovut fl-'*istatement*' ipprezentat minnu stess fil-proceduri Citaz. Nru 64/90 (Dok C fol. 27 – 29 tal-process imsemmi). Infatti hemm insibu li, wara li l-attur ghamel il-konteggi kollha dwar dhul u imghax akkumulat, hemm jghid li fil-15 ta' Marzu, 1989 l-ammont bilancjali dovut mill-konvenuti kien ta' LM46,421.57 u cioe` LM9295.62

anqas mill-ammont li isssa qed jghid li kien dovut f'dik id-data. Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tadotta bhala korrett l-"istatement" ezebit fil-proceduri Citaz. nru. 46/90 mhux biss ghax dan l-istatement sar vicin hafna d-data relevanti izda ukoll billi dan gia` jifforma mertu ta' proceduri li gew decizi minn din il-Qorti.

Ghalhekk jekk mill-ammont dovut fil-15 ta' Marzu 1989 u cioe` LM46,421.57 jitnaqqsu l-ammonti ta' LM28,500 (mertu tal-kawza Citaz. nru 64/90) u LM1688.58 (interessi dovuti skond l-istess attur), liema ammonti thallsu wara li gew konkjuzi dawk l-proceduri, jirrizulta li f'dik id-data l-attur nomine kien fadallu jiehu biss, bhala kapital, is-somma ta' LM16,232.99 u mhux l-ammont ta' LM27,327.10 reklamat f'dawn il-proceduri.

Ghar-rigward ta' pagamenti allegatament maghmula mill-konvenuti u li qed jigu kkontestati mill-attur din il-Qorti tosserva li ma tistax taccetta l-verzjoni tal-konvenuti billi minn jallega pagament ghandu jgieb l-ahjar prova u cioe` ricevuta mentri fil-process ma tirrizulta ebda prova konkluziva ta' dawn il-pagamenti.

Dwar tnaqqis iehor rapprezentanti taxxa mhallsa mill-konvenuti din il-Qorti ma tistax tasal ghall-konkluzzjoni differenti ghal dik li gia` waslet ghaliha fis-sentenza tas-16 ta' Dicembru, 2003 fil-kawza Citaz. Nru. 64/90 u dana billi ma jirrizultax li l-konvenuti ottemperaw ruhhom ma' l-obbligi imposti fuqhom fil-kuntratt relattiv. Dana qed jinghad ghalkemm fl-istadju ta' dan l-appell il-konvenuti esebew kopji ta' ittri tad-ditta Mizzi, Scerri, Said & Co indirizzati lill-Kummissarju tat-Taxxi Interni relattivament dwar hlasijiet ta' taxxa fuq is-socjetajiet B & B Property Development u University Heights Limited kif ukoll kopja informi ta' ittra ufficjali allegatment mibghuta lill-attur u s-socjeta` JEM Investments Limited. Jinghad f'dan ir-rigward li biex jitwieled l-obbligu ta' l-attur ghal dawn il-hlasijiet kellha issir prova ta' notifika permezz ta' ittra registrata akkompanjanti "kopja tar-ricevuta tat-Taxxa jew Multa mhallsa mis-socjetajiet". Prova ta' tali avviz ma saritx u anqas u anqas ma jirrizulta li l-attur gie moghti kopji tar-ricevuti rilaxxjati mill-Kummissarju tat-Taxxi

Interni, ghalhekk sa issa ma hemmx obbligu ta' rifuzjoni ta' taxxa mill-attur lill-konvenuti.

Illi dwar l-inadempjenza ta' l-attur ta' obbligi assunti minnu bil-kuntratt tas-27 ta' Settembru, 1986 u d-dritt korrispettiv tal-konvenuti li jwaqqfu l-pagamenti, jigi rilevat li dan id-dritt tal-konvenuti jitwieled kemm il-darba "*dina l-inadempjenza tkun notifikata u tibqa' hekk issehh ghal zmien gimgha b'ittra ufficjali mibghuta lill-mutwant.*" Ma jidhirx li tali ittra ufficjali ntbaghtet. Dan l-aggravju ghalhekk mhux gustifikat.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenuti billi tirriforma s-sentenza appellata u tiddikjara li l-ammont dovut mill-konvenuti lill-attur nomine jammonta ghas-somma ta' sittax-il elf, mitejn tnejn u tletin lira Maltin disgha u disghin centezmu (LM16,232.99) u konsewgentement tikkundanna lill-konvenuti appellanti jhallsu in solidum bejniethom dan l-ammont lill-imsemmi attur bl-imghax kif mitlub mill-15 ta' Marzu, 1989. Fic-cirkostanzi l-ispejjez, kemm dawk decizi in prim isatnza kif ukoll dawk ta' dan l-appell ghandhom jithallsu nofs mill-attur nomine u n-nofs l-iehor mill-konvenuti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------